TIENI EDIZZJONI

# Il-Bandist

**ĦARĠA No. 13 - Settembru 2024**

## MERĦBA

Ara l-aħħar aġġornament fuq Ittra AĦBAR maħruġ mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni - Ħamrun

Tista tabbona billi tibgħatilna fl-indirizz elettroniku : bandakuncizzjoni@hotmail.com jew tidħol fis-sit uffiċċjali tas-Soċjeta' : www.bandakuncizzjoni.org

5, Warda,
Pjazza Kappillan Muscat
Ħamrun ĦMR 1880



Is-Soċjeta' tagħna hija membru fi ħdan :

# Werrej


Paġna 3 / 10 Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali

Paġna 4 Żewġ Records Nazzjonali

Paġna 5 Ktejjeb tat-Tfal

Paġna 6 / 7 Diverse Festa

Paġna 8 / 9 Mawra Ġewwa il-Portugal

Paġna 11 Kont taf li !?

Paġna 12 / 13 / 14 / 15 / 16 / 17 Il-Madonna fiż-żewġ Parroċċi

Paġna 18 Laqgħa mal-President tal-Għaqda Nazzjonali Kaiżini tal-banda

Paġna 19 Strumenti Rari

Paġna 20 San Franġisk mgħannaq mas-salib fit-toroq tal-Parroċċa

Paġna 21 Termini Imerese / Lezzjonaijiet bla ħlas

Paġna 22 /23 / 24 / 25 Memorji li jmorru lura sal-2001

Paġna 26 F'Ħorġrok inqimuk / Chocolate Festival 2024


**Il-kumitat iħeġġeġ sabiex tibqgħu aġġornati bl-attivitajiet, xogħol fil-każin u sejħiet għall-offerti ta' xogħol, mis-sit uffiċjali tas-Soċjeta'**

**Bord editorjali jixtieq jistieden lil dawk il-membri jew persuni oħra sabiex min jixtieq li jikteb xi artiklu f'din ir-rivista jista' jagħmel dan billi tibgħatu l-materjal tagħkom b'e-mail. Il-kumitat jirriserva d-dritt li ma jippublikax l-artiklu, jekk ma jkunx xieraq.**

**Inħeġġukom biex tersqu lejn il-każin u tagħtu l-kontribut tagħkom filwaqt li nwasslulkom it-tislijiet tagħna.**




Idħol fis-sit ufiċċjali tal-Għaqda tagħna sabiex tkun aġġornat mal-aħħar aħbarijiet, avvizi u sejħiet.

Għeżież Membri u Partitarji

Għal darb'oħra qed inwasslu fid-djarkom din ir-rivista li l-Banda tagħna toħroġ kull tlett xhur.  B' wiċċna minn quddiem ngħidu li aħna waħda mill-ftit li toħorġ din ir-rivista u b'hekk iżżomm il-membri tagħha aġġornati b'dak li jkun għaddej jew ġie organiżżat.

F'din l-edizzjoni ta' "Il-Bandist", qed nagħtukom ħarsa lejn id-diversi attivitajiet li organiżżajna fl-aħħar tlett xhur.  Propju f'dawn l-aħħar ġimgħat iċċelebrajna bil-kbir il-Festa tagħna u kif ukoll il-45 sena anniversarju mit-twaqqif tas-soċjetà`.  Festi kbar li jagħmlulna ġieħ u li bħal dejjem ippruvajna ninkludu lil kulħadd.

Il-festa titular tagħna, bħal dejjem, kienet festa li tilqek, familjari, bejn il-ħbieb vera. Kellna festa devota u mogħnija b'kollox.  Minn hawn nirringrazzja lill-Kappillan Fr. Franco, lill-Grupp Armar Festa u lill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-koperazzjoni kbira. L-Għaqda ta' bejnietna tkompli ssaħħaħ il-Festa  u lill-Parroċċa. Nirringrazzja wkoll lilkom li lqajtu l -istedina tagħna u li għal kull attività' li kellna kien hemm konkorrenza tajba ħafna.  Ħadna pjaċir naraw għadd sabiħ ta' Karrozzi fil-Carcade, numru sabiħ ta' membri u nies distinti li ġew għall-bibita tal-Festa u fuq kollox konkorrenza għall-kunċert annwali li minn sena għall-oħra qed jieħu spinta dejjem il-quddiem.  Grazzi ħafna lis-Surmast Maġġur John Ivan Borg u lill-Assistent Surmast Tony Carbonaro għall-impenn tagħhom.












# Żewġ Rekords Nazzjonali

Wara l-Festa tagħna l-ħarsa marret mill-ewwel fuq l-anniversarju li ta' min jgħid konna ilna nippreparaw għalih 3 snin.  Il-Jum tad-29 t' Awwissu waslet u dakinhar kellna attivita sabiħa li għaliha atttendew ħafna nies.  Kellna quddiesa quddiem il-Każin u wara l-għoti ta' Żewġ Rekords Nazzjonali lis-Soċjeta' tagħna. L-ewwel wieħed huwa dak li kienet l-ewwel Banda li marret Lourdes u t-Tieni wieħed huwa





Dak in-nhar ukoll ġie varat l-*activity book* li ġie mħejji tajjeb mill-Professur George Cassar. Dan il-ktieb ser jitqassam fl-iskejjel tal-Ħamrun u jinsab ukoll online fuq is-sit tas-soċjetà' sabiex inkun jista' jintuża minn skejjel oħra.

























45 SENA
NOĦOLMU - NWETTQU - NIKBRU
CELEBRATE WITH US
OUR 45TH ANNIVERSARY
MUŻIKALI IMMAKULATA KUNĊIZZJONI ĦAMRUN
Diversefest
Celebrating Inclusion
AUGUST 30 | 7 PM
PARISH PRIEST MUSCAT SQUARE
- HAMRUN -
Hosting local and foreign Communities
Live Music
Traditional Costumes
Food Stalls
Hand Crafted Items
Local and Foreign Talent
Foreign tastes
...and much more
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR INCLUSION AND THE VOLUNTARY SECTOR
THIS ACTIVITY IS PART FINANCED BY THE MINISTRY FOR INCLUSION AND THE VOLONTARY SECTOR THROUGH THE SCHEME KOMUNITAJIET AKTAR INKLUSSIVI 2024 - MIV/S&S/10/2024/4
komunitajiet aktar inklussivi
www.bandakuncizzjoni.org
NOĦOLMU - NWETTQU - NIKBRU


PHARMACY
NIKBRU
NOĦOLMU
NWETTQU




DISABLED BADGE HOLDERS
ch vellson vella

li l-planċier tagħna huwa l-uniku wieħed  aċċessibli għall-persuni b'diżabilità'. Żewġ unuri li jagħmlulna ĠIEĦ.

L-għada tal-anniversarju, għall-ewwel darba fil-Ħamrun, ġiet organiżżata *Diverse Fest* bis-sehem ta' diversi pajjiżi u għaqdiet fejn fil-Pjazza Kappillan Muscat organiżżajna Festa ta' Diversita' u Inklużjoni. Għal din l-attivita' kellna kliem ta' tifħir u l-parruċċani u anke nies barranin attendew bi ħġarhom għaliha.































## 12 ta' Novembru 2024 – It-Tlieta

| | |
|---|---|
| 9.30am | Niltaqgħu l-Air Port ta' Malta u check in |
| 12.20pm | Titjira għall-Lisbona bir-Ryanair |
| 14.50pm | Naslu Lisbona |
| 15.30pm | Trasport għall-Fatima |
| 17.00pm | Naslu Fatima u sistemazzjoni fil-Kmamar |
| 19.00pm | Ċena |
| 21.30 pm | Imorru hdejn il-post fejn dehret il-Madonna u nippartecipaw fil-purcissjoni Aux |



## 13 ta' Novembru 2024- L-Erbgħa

7.00am Kolazzjon wara ħin Liberu – Optional Excursions

Zjarat fil-Bażilika tar-Rużarju, bl-oqbra ta' Luċija, Ġaċinta, u Francesco, u l-Bażilika ċirkolari moderna tat-Trinità Qaddisa. Ferrovija turistika optional, li teħodna Valinhos Ajustrel biex naraw id-dar ta' Luċija, segwita minn żjara fil-Knisja Parrokkjali tat-tliet rgħajja. Go Valinhos nzuru wkoll il-Via Sagra Ungeriża. Il-Kalvarju jispiċċa bil-Kapella ta' San Istvan, l-ewwel Re tal-Ungerija.



12.00pm Pranzu

15.30pm Quddiesa bil-Malti minn Fr Franco Fenech Kappillan bis-sehem tal-Banda fil-post fejn dehret il-Madonna

19.00pm Ċena

21.30pm Purcissjoni Aux Flambeaux – ngħidu r-Ruzarju bil-Malti u nerfgħu l-Vara tal-Madonna ta' Fatima.

## 14 ta' Novembru 2024- Il-Ħamis

7.00am Kolazzjon - Ħin Liberu

**Excursion Optional għal Coin Caves**

**Excursion Optional oħra għall-Convent of Christ**

11.30pm Check out u nniżlu l-bagalji fir-reception

12.00pm Pranzu

1.30pm Trasport għall – Lisbona

15.00pm Naslu Lisbona u sistemazzjoni tal-kmamar









## 15 ta' Novembru 2024 – Il-Ġimgħa

7.00am Kolazzjon

8.30am Quddiesa

Optional Excursion f'Alfama, fejn inzuru l-Katidral u l-knisja fejn twieled Sant'Antnin - Ħin Liberu

19.30pm Tluq ghall Knisja PARÓQUIA DE SÃO SEBASTIÃO DA PEDREIRA

20.00pm Naslu fil-Knisja

21.00pm Kunċert fil-PARROĊĊA SAN SEBASTIAN TA' PEDREIRA mill-Banda Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Lisbona

22.00pm Nirritornaw lura l-lukanda

## 16 ta' Novembru 2024-Is-Sibt

7.00am Kolazzjon.

8.30am Quddiesa—Ħin Liberu

11.00pm Check Out u nniżlu l-bagalji fir-reception tal-Lukanda.

11.30hrs Trasport għall-Ajruport.

13.30pm Check In

15.35pm Titjira għall-Malta

19.40hrs Naslu ġewwa Malta





Permezz ta' din ir-rivista ser nagħtukom togħma ta' dak kollu li seħħ f' dawn l-aħħar 3 xhur. Min naħa l-oħra, min issa nitolbukom sabiex tingħaqdu magħna fl-attivitajiet li ġejjien fosthom fil-Festa Liturġika tal-Immakulata Kunċizzjoni. Ibqgħu segwuna fuq il-Paġni Soċjali tagħna sabiex tkunu aġġornati b'dak li jkun għaddej. Infakkar li bejn it-12 u s-16 ta' Novembru ser inkunu ġo Fatima u Lisbona u bejn il 25 u d-29 ta' Novembru ser inkunu ġo Termini Imerese fi Sqallija. Żewġ opportunitajiet oħra wara dik ta' Lourdes fejn ser ikollna l-opportunita' nwasslu isem il-Banda tagħna 'l barra minn xtutna. Ippermettuli qabel nagħlaq nirringrazzja lill-President u lil-sħabi tal-kumitat kollha – bla ebda distinzjoni, tal-għajnuna li dejjem jagħtu matul is-sena. Għalkemm din is-sena għadha ma għaddietx u fadal xogħol x'jistgħa jsir. Diġà bdejna nħarsu l'quddiem għal aktar ħidma fix-xhur li ġejjien. Noħolmu – Nwettqu - Nikbru - Viva Marija Immakulata. Josef Spiteri



# KONTTAF!?

*Minn Jesmond Zerafa*




Eleanor Rigby li huwa isem ivvintat, jirrappreżenta, lill-anzjani, u r-rispett li għandu jintwera lejhom, fosthom billi tgħinhom fil-ġarr ta' xi merkanzija, bħal xi basket tqil, tqumilhom fuq il-*bus,* tgħinhom f'xi qagħdi ieħor u bħala kumpliment takkumpanjahom jew toffrilhom xi bukkun x'imkien. Maż-żmien kien instab qabar ta' ċertu Rigby (fittizju) fl-inħawi ta' Man-love Ave, ġewwa Liverpool fl-Ingilterra, propju fejn trabbew il-Beatles.

**U Eleanor u Fr. Mc Kenzie mnej ġew?**

Eleanor tirrappreżenta s-sempliċita, il-vulnerabbilta u s-solitudni u r-ross migbur imraxxax, it-tberik, il-fidwa, is-sabar. Minn naħa l-oħra, Fr. Mc Kenzie oriġinarjament kien Fr. Mc Cartney imma Paul (il-Kantant) ma ridx ikun sinomu m'ismu, u bidlu f'Mc Kenzie wara li sabu f'direttorju tat-telefon *Buried with her name* titfarfar mit-trab tal-għabra. *Where do they all come from no one was saved.*




Kanzunetta, ġmiel id-dieq. Niket is-sbuħija jew lill hinn mit-Teobahrezha, qalb il-*weeping willows, a beautiful sad song*.

# Il-Madonna u ż-żewġ Parroċċi tal-Ħamrun



minn Joe C.Cordina .

Sa mill-bidu li pajjiżna beda jifforma ruħu diġa kellu konnesjoni qawwija mal-Madonna għax għalkemm hi ma kienetx qed tissemma mal-area li wara intgħaġnet u ssawwret f'subborg important bl-isem tal-Ħamrun, dan il-lok kien magħruf bħala Casal San Giuseppe - ir-raħal ta' San Gużepp - u n-nies li kienu joqgħodu fih kienu magħrufin bħala Ġużeppini. U allura fejn kien jissemma San Ġużepp bilfors li wieħed kien iġib quddiem għajnejh l-isem ta' Marija Santissima li kienet l-Għarusa tiegħu u eventwalment il-Mara tiegħu u li flimkien kienu rabbew il-Bambin Ġesu. Anzi mhux biss kif ser naraw iktar il-quddiem din ir-rabta ma' din l-area ma kienetx biss imħabba li kellha ma' San Ġużepp imma wkoll mħabba li meta l-Ħamrun kiber u kellu jinqasam f' żewg paroċċi, it-tieni Parroċċa ġiet iddedikata lill Immakulata Kunċizzjoni…..il-Madonna kienet ġiet il-Ħamrun biex tibqa.



U din ir-rabta tal-Madonna ma' din il-Parroċċa kienet riflessa wkoll mar-rabta li Marija Santissima żgur kellha mall-Qaddis patrun tal-Parroċċa l-oħra Ħamruniża San Gejtanu Thiene. Dan il-Qaddis kien sar magħruf bħala l-Qaddis li kien jemmen fil -Providenza ta' Alla u din il-virtu ġiet riflessa f'dawn iż-żewġ parroċċi żgur permezz tar-rabta li kien hemm bejn San Gejtanu u l-Immakulata Kunċizzjoni għax wara li l-Parroċċa ta' San Gejtanu imtliet b'istituti u orfanatrofi tal-karita u ta'kenn għall-dawk kollha li sfortunatament kellhom bżonn l-għajnuna tal-providenza divina u umana.

U jekk inkomplu nsegwu r-rabta li Marija Santissma kompliet tkabbar ma' dan is-subborg wieħed żgur jasal biex jirrifletti u jemmen li l-Madonna żgur nebħet lill-pittur Pietro Gagliardi li kien ġie mqabbad mill-Isqof Gejtanu Pace Forno biex ipitter inkwatru dwar San Gejtanu li kellu jitqiegħed wara l-artal maġġur u jitqies bħala l-kwadru titulari tal-Parroċċa, biex dan il-pittur ġietu l-idea li jagħmel il-pittura tiegħu tiffigura ix-xena ta' meta San Gejtanu kellu dehra mistika. Waqt li kien mitluf jitlob f'estasi ta'meditazzjoni profonda, deheret quddiemu l-Madonna bil-Bambin Ġesu f'idejha u warajha San Ġużepp. F'din id-dehra mistika jingħad li l-Madonna tat f'idejn San



Gejtanu biex iħaddnu miegħu lill-Bambin Ġesu. Din l-azzjoni il-Pittur Pietro Gagliardi irnexxilu ipittira f'inkwatru li fil-pittura juri lil San Gejtanu għarkuptejh lest biex jilqa lill-Bambin Ġesu. Meta mbagħad din il-pittura tpoġġiet ġo inkwatru kbir u dan il-kwadru ġie mdendel mall-ħajt fuq l-artal maġġur fil-Knisja ta' San Gejtanu din il-pittura ġiet rikonoxxuta bħala t-titular uffiċċjali ta'din il-Parroċċa. Wieħed jista jgħid li b'mod jew ieħor dan il-pittur kellu nebħa biex jasal għad deċiżjoni li jpitter proprju dak l-episodju partikulari mill-ħajja ta' San Gejtanu.



U wieħed jista jifhem ukoll li hekk ġara mall-iskultur u statwarju Karlu Darmanin li ġie kkummissjonat biex jaħdem vara ta' San Gejtanu meta dan ifforma statwa bi tlett figuri fil-pożizzjoni li jidhru fl-inkwatru titulari, jiġifieri l-Madonna bilwieqfa bill-Bambin Ġesu f'idejha lesta biex tagħtih f'idejn San Gejtanu li qiegħed għarkoptejh quddiema lest biex jilqa lill-Bambin. X'kien hemm wara dawn iż-żewġ mezzi tal-arti li min għamilhom kellhom l-istess ħsieb, kumbinazzjoni, ko-inċidenza, jew jekk wieħed jaħseb fil-profond iqies u jemmen li żgur kien hemm xi id moħbija u meta wieħed jaħseb ta'min setgħet kienet din l-id żgur jiġih f'moħħu li wara dan kollu kien hemm l-id tal-Madonna li żgur permezz ta'din il-Pittura u permezz ta'din l-istatwa ssiġġillat sew ir-rabta ma' din il-Parroċċa. Ta min isemmi l-fatt ukoll dwar kif il-Madonna żgur kompliet tissiġilla l-preżenza tagħha anke meta kif ser naraw il-quddiem meta l-Ħamrun tant kiber li kellu jinqasam f'żewġ parroċċi.

Fl-istess ħin irridu ngħidu wkoll li d-devozzjoni lejn il-Madonna f' dan il-pajjiż il-ġdid kienet tali li fil-knisja Parrokkjali stess insibu aktar xbihat tal-Madonna kemm f'pitturi u f'kemm bħala vari. Per eżempju il-pittur Galgliardi stess ħallielna pittura oħra tal-Madonna fil-pittura fejn il-Madonna hija raffigurata bhala d-duluri b'binha mejjet madwara u din il-pittura qiegħda fuq altar għaliha. Hemm imbgħad inkwatru ieħor tal-Madonna li wkoll għandu altar għalih u man-nies hu magħruf bħala l-Madonna tad-Duttrina li ġie mpitter minn Ġużeppi Cali. Pittur ieħor magħruf Ġużeppi Bonniċi ħallina pittura oħra tal-Madonna li wkoll qiegħda fuq artal għaliha u tirrapreżenta l-Madonna tar-Rużarju flimkien ma' San Duminku u Santa Katerina. Hemm ukoll il-pittura tal-Madonna taċ-Ċintura meqjuma wkoll fuq l-altar għaliha u turi l-Madonna tnewwel ċintorin lil Santu Wistin. Artal ieħor li jkompli jixhed id-devozzjoni tal-Ħamruniżi lejn il-Madonna huwa dak tal-pittur li jirrafigura lill-Madonna bħala l-Madonna ta' Lourdes. Wieħed ma jridx jinsa wkoll il-

figura tal-Madonna fil-kwadru tal-arzella ta' fuq net fuq il-ħajt tal-knisja fuq wara tal-artal maġġur pittura ta' Ramiro Cali li għamilha fl-1920 u li kienet turi lil San Gejtanu u l-Madonna fil-glorja tal-Ġenna. Din il-pittura kienet tnehhiet u minfloka saret oħra mill-pittur Emvin Cremona li fiha wkoll daħħal lill-Madonna. Jekk wieħed jista jagħmel parenteżi tajjeb li wieħed issemmi li f 'din l-arzella li pinġa Cremona il-figura ta' San Gejtanu bis-suttana, darba kont smajt li il-figura ta' bniedem libes is-suttana kien ħada minn fuq Dun Gużepp Cachia għax kien rah dieħel minn waħda mit-twieqi u d-dawl tax-xemx fuq is-suttana ġiel lil Cremona jgħid lil Dun Gużepp biex jieqaf għax ried jieħu r-riflessjoni tas-sitwazzjoni u mbgħad daħħalhom fil-figura ta' San Gejtanu li ħoloq f'din il-pittura tal-arzella.

Barra l-pittura li semmejna fejn tidħol il-Madonna fil-knisja Parrokkjali, hemm ukoll tlett vari, waħda tad-Duluri, waħda ta' Lourdes u hemm oħra l-ġmiel tagħha tar-Rużarju li oriġinarjament kienet is-Sacro Cour. Hawn nistgħu insemmgħu li kemm il-vara tar-Rużarju u kemm il-vara tad-Duluri it-tnejn joħorġu proċessjonalment fil-festa tagħhom. Anzi l-vara tad-Duluri tintrama darbtjen fil-knisja, darba fil-festa tad-Duluri fiż-żmien il-Ġimgħa l-Kbira u l-oħra fil-festa propja tagħha f' Settembru. Wara li rajna x'hemm li għandu x'jaqsam mad-devozjoni lejn il-Madonna raffigurata fil-vari u l-pitturi fil-knisja arċipretali matriċi ta' San Gejtanu, xieraq li issa noħorġu fit-toroq ta' din il-Parroċċa u naraw il-Kappelli li huma ddedikati lill-Madonna.



Għalhekk wara li noħorġu mill-Knisja ta' San Gejtanu nibqgħu sejrin għat-Triq id-Duka t' Edinburgh jew kif nafuha aħna l-Ħamruniżi bħala t-Triq tas-Suq. Kif naslu fil-quċċata ta' din it-triq insibu quddiemeha knisja antika ddedikata lill-Madonna t' Atocia jew kif inhi popolari magħna bħala l-Madonna tas-Samra peress li fiha nsibu l-kwadru tal-Madonna tas-Samra. F' dan is-santwarju kull ħmistax tax-xahar hawn fil-Ħamrun għandna d-devozzjoni li morru ninvistaw lill-Madonna tas-Sara u anke jkun hemm funzjonijiet apposta. Il-viżta propja ssir fuq forma introdotta minn San Ġorġ Preca li kien jiffrekwenta din il-knisja. Barra minn hekk f' din il-knisja tiġi ċċelebrata l-festa ta'Marija mtella s-sema. Dak in-nhar il-knisja tiġi mżejna b'mod speċjali u anke l-akwata tal-madwar. Filgħaxija mbagħad il-vara sabiħa tal-Madonna tiela s-sema tinħareġ pellegrinaġġ.



Intant kif noħorġu minn din il-knisja nistgħu induru magħha u nibqgħu sejrin tul it-triq San Franġisk li tispiċċa fi Triq il-

Kanun. Hawnhekk insibu kappella ddedikata lill-Madonna Addolorata. Dan it-titlu raffigurat fi statwa ħelwa li tinħareg f' pellegrinaġġ fil-festa taghha. Din il-knisja qed taqdi ħafna d-doveri reliġjużi tan-nies tal-akwata. Ta'min isemmi li hemm skola kbira sekondarja li ġġieb l-isem ta' Marija Assunta. Kif noħorġu minn Triq il-kanun u niġu fi Triq il-Kbira San Ġużepp naqsmu din it-triq u nibqgħu neżlin sakemm naslu quddiem knisja oħra dik tal-Porto Salvo jew kif nafuha aħna l-Ħamrunizi bħala tan-Nuzzu. Qed nirriferi għal din il-kappella bħala Knisja għax fl-antik meta l-knisja kbira ta' San Gejtanu kienet għada mar nbnietx kienet isservi u taqdi l-bżonnijiet spiritwali bħal quddies għall-Ħamrunizi ta'dik l-akwata. Minn hawn ninżlu ftit u nidħlu fi Triq Eldorado fejn insibu li hemmhekk sa ftit ilu kienet tezisti dar imwaqqfa mill-Kappillan Mons. Dun Nerik Cordina Perez għall-xebbiet u nisa li ma kellhomx fejn joqgħodu. Bħala isem il-Kappillan kien iddedika bħala Dar ta'Marija Reġina tal-Qlub.





Wara li rajna fejn kienet din id-dar nerġgħu lura għal Triq il-Kbira San Ġużepp u nibqgħu neżlin Blata l-Bajda u niġu wiċċ imbwiċċ mal-Kappella ddedikata lill-Madonna tal-Midalja Mirakoluża. Din il-knisja tappartjeni lis-Soċjeta tad-Duttrina Kristjana u fil-fatt il-bini kbir li hemm abbinat magħha huwa l-kwartieri Ġenerali Nazzjonali ta' din is-Soċjeta magħrufa bħala MUSEUM. Din hi l-aħħar kappella li rajna fil-Parroċċa ta' San Gejtanu.





Issa minn hawn imorru għall-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni ħalli nkomplu naraw biex ngħidu hekk provi tar-relazzjoni, d-devozzjoni u l-imħabba li l-Ħamruniżi għandhom lejn Ommna Marija Santissima. U nibdew billi wara li minn quddiem il-Kappella tal-Midalja Mirakoluża nitilgħu it-tela u nibqgħu sejrin mal-kantuniera fejn ngħaddu quddiem skola kbira sekondarja għall-bniet iddedikata lill-Madonna taħt it-titlu ta' Marija Reġina. Imbgħad minn hemm naqbdu t-triq u nibqgħu telgħin dritt u niġu quddiem it-tempju Parrokkjali ddedikat lill-Madonna taħt it-titlu

tal-Immakulata Kunċizzjoni. Dan it-tempju jixhed id-devozzjoni li kellhom il-Ħamruniżi lejn Marija Immakulata sa mill-1920 fejn ċertu Pawlu Burlo kellu kappella fi Triq Vitale u kien ilaqqa lit-tfal sabiex jgħidu r-rużarju quddiem xbieha ta' Marija Immakulata. Fil-knisja li nsibu llum, mibnija mill-mibki Dun Edgar Vella Anastasi, nsibu titular tal-mużajk bix-xbiha Immakulata fuq il-pittura ta' Murillo u nsibu wkoll statwa ħelwa u grazzjuża ta' Marija





Immakulata. Din il-vara b'wiċċ ta' ġmiel li ma tpinġiex tirraffigura l-Immakulata Kunċizzjoni u hija l-Vara titulari li fil-festa f'Lulju ta' kull sena tinħareġ fi proċessjoni madwar it-toroq prinċipali ta' din il-Parroċċa akkumpanjata minn Banda li ġġib l-isem tagħha li ddoqq innijiet Marjani u b'logħob tan-nar minn diversi postijiet minn fejn tgħaddi. Hawn ta' min isemmi li fil-ġimgħa tal-Festa barra s-soltu funzonijiet fil-Knisja u marċijiet fit-toroq, isiru wkoll għadd ta' attivitajjiet innovattivi u Soċjo-reliġjużi li jkomplu jġibu l-parruċċani iktar flimkien fosthom preżentazzjonijiet ta'bukketti ta'fjuri f'isem kull triq.

Kif noħorġu mill-knisja Parrokkjali u nħarsu l-fuq lejn il-Frontispizju naraw statwa oħra tal-Madonna b'idejha miftuħin qiesa qed tagħti merħba u tbierek lill-Parroċċa u lill-Paruċċani. U mbaghad kif naqbdu t-triq l-isfel aħna u neżlin niġu quddiem statwa kbira tal-Immakulata Kunċizzjoni fi Pjazza Kappillan Muscat. Din l-istatwa qegħda propju quddiem il-każin tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni– Ħamrun. Din il-banda għalkemm mhux kbira daqs il-baned li ilhom stabbiliti imma hija tant organiżżata li fiċ-ċokon tagħha xorta tagħmel affarijiet u attivitajiet daqs ta' baned oħra ikbar minnha. Biżżejjed ngħidu li l-binja tal-każin hi totalment tas-Soċjeta u mhux mikrija u llum anke hi attrezzata sew.



Intant minn quddiem dan il-każin naqsmu għall-faċċata u nidħlu fi Triq Villambrosa. Nibqgħu neżlin ma' din it-triq u niġu quddiem il-kunvent u skola tas-sorijiet tal-Eġittu li l-isem uffiċċjali tagħhom huwa missjunarji Franġiskani tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.



Ftit iktar l-isfel kemm imbgħad il-Knisja li tappartieni lill-Patrijiet Franġiskani u f'din il-Knisja tinstab l-Ikona tant devota tal-Madonna tas-Sokkors li tiġbed lejha għadd kbir għall-grazzji li taqla.

Minn dan li rajna nistgħu ngħidu li fiż-żewġ Parroċċi fil-Ħamrun il-konnessjoni m'Ommna Marija ma hiex biss ta' pitturi fil-knejjes u xi vara l'hawn u l'hemm imma hija mfissra wkoll b'għadd ta' knejjes li propjament huma ddedikati lejha. Jiena personalment ma nafx jekk hawnx xi raħal ieħor li għandu daqstant knejjes iddedikati lill-Madonna. Hemm xi rħula li għandhom xi kappella jew tnejn imma mhux li għandhom il-kwantita' bħalma nsibu fil-Ħamrun. Barra minn hekk nistgħu nsemmu wkoll li madwar iż-żewġ Parroċċi fit-toroq insibu għadd ta' statwi tal-Madonna mal-ħitan kemm f'niċeċ u kemm le. Hemm statwi oħra ġeneralment f'niċeċ li ssibhom mal-ħajt fl-għoli fl-entratura ta' xi sqaq jew fuq xi bejt.

Huwa f'postu li tgħid li dak li semmejna juri r-relazzjoni li l-Ħamrunizi taż-żewġ Parroċċi għandhom mal-għażiża Sidtna Marija Santissima u d-devozzjoni li għandhom lejha.











# Laqgħa mal-President

# tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda



F'laqgħa kordjali ħafna ma' Dr Noel Camilleri, President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, li saret fis-sede' tal-każin tagħna, ġew diskussi diversi punti interessanti dwar il-każin tagħna u l-baned Maltin. Dr Camilleri enfasiżża l-importanza tal-ħidma tal-każin tagħna filwaqt li faħħar l-impenn fil-qasam soċjali li għandu l-każin tagħna. Flimkien ukoll eżaminajna xi affarijiet li jistgħu jkunu aħjar u oħrajn li nistgħu intejbu sabiex nibqgħu mexjin maż-żmenijiet filwaqt li ma nitilfux l-identita' Maltija u tradizzjonali.



**"Banda żgħira imma ħajja u mimlija idejat",** hekk iddeskriva lill-Banda tagħna Dr Camilleri. Ovvjament ma setgħax jonqos li nippreżentawlu tifkira tal-okkażjoni filwaqt li nwedgħu l-impenn tagħna bħala kontribut għall-ġid tal-mużika, tradizzjoni, tagħlim u tmexxija serja fil-qasam mużikali.



# Strumenti Rari



Jesmond Zerafa



## L-OCTOBASS

L-Octobass huwa strument tal-korda estremament rari u massiv li ġie ivvintat mil-Lutier (*maker of string instruments*) Franċiż Jean-Baptiste Vuillaume fl-1850. Dan l-istrument b'għoli ta' aktar minn 11-il pied, jipproduċi l-aktar noti baxxi, aktar minn kwalunkwe strument tal-kordi oħra, u jilħaq frekwenzi aktar baxxi għall-widna tal-bniedem li jista’ jisma'.  Minħabba d-daqs tiegħu dan l-istrument, jeħtieġ lievi u pedali speċjali biex tanimah. Illum jeżistu biss ftit mudelli li għadhom jiffunzjonaw, u li jagħmluha wieħed mill-aktar strumenti rari fid-dinja.



## GLASS HARMONICA

Ivvintata minn Benjamin Franklin fl-1761, il-Glass Armonica joħloq mużika permezz ta’ sensiela ta’ skutelli jew *goblets* tal-ħġieġ li huma ta’ daqsijiet differenti u li huma mmuntati fuq magħżel u wkoll jindaqqu b’swaba’ mxarrba.

Il-ħoss tiegħu darba kien popolari fil-mużika klassika, iżda minħabba l-fraġilità tiegħu u t-taħlita ta' strumenti oħra, ma baqgħax daqstant popolari. Huma biss ftit illum il-mużiċisti tas-sengħa biex idoqqu dan l-istrument delikat.

# San Franġisk mgħannaq mas-Salib, madwar it-toroq tal-Parroċċa
















Il-President tagħna jippreżenta bukket fjuri f'isem il-Kumitat, membri u benefatturi tas-soċjeta' tagħna.

Il-Ħadd 22 TA' Settembru 2024,il-banda tagħna akkumpanjat lill-istatwa ta' San Franġisk minn fejn il-Knisja Parrokkjali tagħna sal-Knisja tal-Franġiskani, fl-okkażjoni tal-Manifestazzjoni ferrieħa li saret madwar t-toroq. Dan biex infakkru it-800 Sena minn meta San Franġisk ingħatawlu l-istimmati mid-Divin. Wara sar it-tberik tal-annimali. Grazzi lill-Patri Gwardjan Patri Pawl tal-istedina u tat-tifkira sabiħa li tana. (Replika tal-Arzella prinċipali, impittra minn Cali', fil-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuore f'tas-Sliema).






# Memorji li jmoru lura sal-2001



**Salvino P. Zammit**

**President- 2001-2017**

Il-Banda Kunċizzjoni toħodni lura snin ilu, sewwa sew ftit ġranet qabel l-Festa tal-2001.

Kien propja xi jiem qabel ix-xahar ta' Lulju meta Toni Borg - kif nafuh il-"Pisirell" ġie jħabbatli d-dar fejn kont għadni kif bdejt noqgħod fi Triq il-Kappillan Mifsud. Meta ftaħt il-bieb dan is-Sinjur Toni Borg introduċa ruħu bħala Membru tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni, u b'ton qawwi qalli, *"Sur Zammit il-każin tagħna tal-Kunċizzjoni għandu bżonn is-servizzi tiegħek bħala President peress li ftit jiem ilu waqaf mill-kariga s-Sur Charles Bondin"*- Jiena bħala tali li minn dejjem kont inħobb il-ħajja tal-kumitati ma tantx domt naħsiba u weġibtu fil-pożittiv. Komplejt u staqsejtu meta kelli nattendi għall-ewwel laqgħa tal-kumitat biex niġi ntrodott mal-membri l-oħra tal-kumitat. Insejt liema kienet dik il-ġurnata mportanti eżatt u għalhekk jiena attendejt fejn ġejt milquħ u ġejt mistieden nibda nattendi għall-laqgħat. Dak inhar ġiet mifthema meta kellha ssir laqgħa ġenerali biex jiena niġi maħtur uffiċċjalment President. Kelli kumitat ħabbrieki mmens fosthom is-segretarju l-abli Louis Bezzina, il-viċi President Frans Pace - niftakar kien hemm ukoll Josef Spiteri, Martin Busutill, Albert Spiteri fost oħrajn. Id-dar fejn kien il-każin dak iż-żmien kien mezzanin fi Triq Kappillan Mifsud; konna niltaqgħu spiss, imma darba fix-xahar kienet A MUST. Meta bdejt f'din il-kariga niftakar li kien hemm il-mibki Dun Manwel





Agius, bħala Kappillan, li kien bniedem ta' direzzjoni liema bħala. Għamilt żmien ukoll President fi żmien il-Kappillani Dun Nazaren Caruana, Dun Salv Borg sa meta kien hemm il-Kappillan Dun Mario Mifsud - żmien interessanti immens. Għaddew xi sentejn u ġiet l-okkażjoni biex ninnegozjaw ix-xiri ta' lokal ġdid fi Pazza Kappillan Muscat. Wara ħafna laqgħat mal-propjetarji tal-lokal wasalna biex nagħmlu l-kuntratt tax-xiri. In- Nutar Flores flimkien ma' Dr. Cassar mexxew in-negozjati u kellna wkoll diskussjonijiet mal-bank sabiex inkunu nistgħu nisselfu biex inkunu nistgħu naslu biex nħallsu l-kuntratt. Jiena minn dejjem esprimjet is-sodisfazzjon li kellna lokal kollu kemm hu tagħna fi Pjazza ewlenija tal-Parroċċa tagħna - il-Pjazza Kappillan Muscat. F’din il-pjazza konna u għadna norganizzaw diversi kunċerti u serati. Nista’ ngħid li minn hemm il-quddiem ma ħarisniex lura. Wara li kkonkludejna x-xiri qabbadna kuntrattur u beda ix-xogħol ta’ modernazzjoni u titjieb tal-binja tagħna. Bdejna l-kostruzzjoni tal-binja tas-sala ewlenija t’isfel fejn jinstab l-bar, bitħa żgħira, faċilitajiet ta’ toilets u t-taraġ għal fuq. Wara saret ukoll antiporta tal-ħġieġ, xogħol fil-kamra tal-mużika li tintuża wkoll mill-kumitat u saret sala kbira fejn isiru l-laqgħat u taraġ għal fuq il-bejt. Il-ftuħ sar mill-Mibki President Emeritus E.T. Prof Guido De Marco u minn hemm bqajna mexjin bi proġetti ma jaqtgħu xejn.





Għadda ż-żmien u għamilna vetrina kbira fejn poġġejna ċertu strumenti u ħwejjeġ oħra mportanti.  Saru wkoll sett ta' ritratti tal-kumitati ta’ qabel, sett ta' ritratti ta' Presidenti fostom ritratt tal-fundatur Tony Borg u ta’ Alfons Maria Vella li kien l-ewwel surmast tagħna. Hawn ma rridx ninsa x-xogħol manwali li għamlu Louis Bezzina, Martin Busutill u Josef Spiteri. Niġi għas-surmastrijiet tagħna, il-krema ta’ Surmastrijiet; il-mibki Mro. Alfons Maria Vella, l-Maġġur John Ivan Borg u Mro Tony Carbonaro bħala Assistant Surmast. Hawn niftakar l-akkademja li tellajna ġewwa l-Knisja Parrokkjali.



Fl-okkażjoni tal-35 Anniversarju. Kienet lejla memorabbli. Niftakar ukoll meta għal-istess anniversarju thabatna biex noħorġu diska orġinali bl-isem ‘Ibqa Samma l-melodija’ b’Amber Bondin u Fabrizio Faniello ikantaw. Josef Spiteri flimkien ma’ Tony Carbonaro organiżżaw lezzjoni-jiet tal-Mużika għat-tfal tal-Parroċċa fl-iskejjel, li minn hemm ħarġu di-versi bandisti bravi li għadhom idoqqu sal-lum mal-Banda tagħna, konkors ta’ poeżiji, attivitajiet soċjo -kulturali u oħrajn, marċijiet, wirjiet ta’ Standardi, oħra ta’ Kappelli f’Minjatura u rappreżentazzjonijiet f’laqgħat nazzjonali u oħrajn lokali. Ma kienx jonqos



li nieħdu sehem fl-attivitajiet li kienu jsiru fil-parroċċa fi żmien il-festa u oħrajn mat-ul is-sena, u oħrajn fosthom organiżżati mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, li matul il-presidenza tiegħi, kont parti mill-Kumitat Eżekuttiv tagħha - kariga li kelli u żammejt sa' meta rtirajt bħala PRO. Permezz ta’ din il-kariga ġejt f’ kuntatt ma' di-

versi baned ewlenin ta' Malta. Is-Soċjeta tagħna dejjem kienet protagonista fl-attivitajiet tal-Festa. Grupp ta' dilettanti tal-armar u tan-nar kienu jorganiżżaw ruħom, kif għadhom sal-lum biex dejjem ikollna festa sabiħa u mlibbsa b'armar sabiħ u tan-nar, speċjalment lejliet l-Festa dejjem jippreżentaw programm sabiħ. Iż-żmien ma jistenna lil Ħadd. Permezz ta' dan l-artiklu ktibt dwar dak li ftakart. Kienet waslet is-sena meta kelli nirtira minn President fl-2017. Sa min mindu ġejt mogħti l-kariga ta' President tas-Soċjeta mexxejt diversi Kumitati ma' nies kollha ħeġġa u mħabba għas-Soċjeta. Ismijiet bħal Frans Pace, li sibtu min dejjem ta' forċina f'deċiżjonijiet important, u oħrajn ma jintesew qatt, bħal Lewis Bezina, Frans Bezzina, Eddie Scerri, Martin Busuttil u oħrajn.

Bqajt sa llum insegwi l-banda tagħna u nwiegħed lli nibqa nagħmel dan. Minn naħa tad-direzzjoni tal-banda tagħna dejjem bqajt nirċievi rispett. Ġejt ukoll mogħti diversi plakki u ġejt maħtur bħala President Onorarju fit-2017. Min hawn nixtieq nirringrazzja lil kulħadd tas-sapport u nitlob lill-membri kollha jibqgħu jagħtu l-appoġġ u l-kuraġġ kontinwu lis-Soċjeta'. Viva l-Banda tagħna











# f' Ħoġrok Inqimuk

## Festa Solenni ta' Marija Immakulata

Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni tal-Ħamrun,

f'kollaborazzjoni mall-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċċa, jixtiequ jistiednu rappreżentant mill-għaqda tiegħek, sabiex flimkien nagħtu ġieħ lil Ommna Marija Immakulata billi noffru kuruna ta' rand f'riġlejn il-Madonna fi Pjazza Kappillan Muscat.

**Il-Ħadd 8 ta' Diċembru 2024**

**fl-10.30am**

Il-1 st Hamrun Boys Scouts

Duke of Argyll's Own Band

ser jagħmlu parata mat-toroq tal-Parroċċa.

**Wara jkun hemm bibita għal kulħadd.**

**RSVP 99881876 / bandakuncizzjoni@hotmail.com**

www.bandakuncizzjoni.org

Inklussivita' Innovazzjoni



The 14th edition

# ĦAMRUN CHOCOLATE FESTIVAL

***Saturday 19th October 2024***

**L-Għaqda Mużikali Immakulata Kuċizzjoni tal-Ħamrun ser tkun parti minn dan l-avveniment.**

**Nistednukom taslu wasla sal-istand taghna.**

**Parking available at ex Maria Assumpta & ex Maria Reġina Schools, Ħamrun**

Scan me!

**Hamrun Chocolate Festival**
**Il-Ħamrun - Kunsill Lokali Ħamrun**

GOVERNMENT OF MALTA
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

LOCAL GOVERNMENT DIVISION